

It-tieni nett, il-Kunsill iqis li l-Qorti Ĝeneralni wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li wieħed mill-motivi magħżula sabiex jiġġustifikaw l-impożizzjoni tal-miżuri restrittivi kontra Kala Naft ma kienx suffiċċenti biex jissodifa l-obbligu ta' motivazzjoni u li l-Kunsill kien obbligat jipproducji provi sabiex isostni ieħor minn dawn il-motivi. Il-Kunsill isostni wkoll li l-Qorti Ĝeneralni wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li element tal-motivazzjoni li jgħid li l-kumpannija Kala Naft kienet tikkummerċjalizza tagħmir għas-setturi taż-żejt u tal-gass li seta jintuża għall-programm nukleari Iranjan ma setax jiġi kkunsidrat bħala li "jipprovd u appoġġ" għall-proliferazzjoni nukleari, mingħajr ma rabtet dan l-element mal-elementi l-oħra tal-motivazzjoni.

Sad-data li fiha ġie ppreżentat dan ir-rikors, il-konvenuta kienet għadha ma adottatx il-miżuri kollha neċċessarji sabiex twettaq tali obbligi.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-353/12)

(2012/C 287/54)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Thomas, D. Grespan u B. Stromsky, aġġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

Talbiet

- peress li ma adottatx, fit-termini stabbiliti, il-miżuri kollha neċċessarji sabiex tirkupra l-ghajjnuna mill-Istat li għiet iddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern permezz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 8123, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-ghajjnuna mill-Istat C 59/2007 (ex N 127/2006 u NN 13/2006) li l-Italja implementat favur Ixfin SpA (notifikata fid-29 ta' Ottubru 2009 u ppubblikata fil-ĠU L 167, 1.7.2010, p. 39), ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligu tagħha skont l-Artikoli 2, 3 u 4 ta' din id-deċiżjoni u tat-TFUE.
- tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors tal-Kummissjoni għandu bħala s-suġġett in-nuqqas ta' implementazzjoni mir-Repubblika Taljana tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-forma ta' garanzija mogħtija mill-Ministeru tal-İżvilupp Ekonomiku biex tkopri selfi li ħadet Ixfin mill-Banca Apulia SpA.

Il-Kummissjoni tosserva li l-Italja kellha tiżgura l-implementazzjoni tal-obbligu tal-irkupru tal-ghajjnuna sal-1 ta' Marzu 2010 u, barra minn hekk, kellha tinforma lill-Kummissjoni dwar il-miżuri adottati sabiex tiġi implementata d-deċiżjoni, sad-29 ta' Diċembru 2009.

Appell ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2012 minn Harald Wohlfahrt kontra s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni (Il-Ħames Awla) tas-16 ta' Mejju 2012 fil-Kawża T-580/10, Harald Wohlfahrt vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

(Kawża C-357/12 P)

(2012/C 287/55)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Harald Wohlfahrt (rappreżentanti: M. Loschelder, avukat, V. Schoene, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), Ferrero SpA

Talbiet tal-appellant

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni (Il-Ħames Awla) tas-16 ta' Mejju 2012 fil-Kawża T-580/10 u li tagħti deċiżjoni skont it-talbiet ifformulati mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni, riprodotti fil-paġna 4 tas-sentenza;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż neċċessarji sostnuti mill-appellant.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-UASI u l-Qorti Ĝeneralni jirrifutaw ir-reġistrazzjoni tat-trade mark "Kindertraum" għal prodotti fil-klassijiet 16 u 28, li għamlet applikazzjoni għaliha r-rikorrenti u issa bħala appellanti, peress li l-intervenjenti tal-konvenut, proprijetarja tat-trade mark verbali Taljana precedingi "kinder", fost oħrajn għal prodotti fl-imsemmija klassijiet, għamlet oppożizzjoni.

L-appellant tinvoka tliet aggravji:

L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009⁽¹⁾

L-appellant ssostni li l-Qorti Ĝeneralni kkunsidrat li ma jirriżu stabbilit, fil-mument li ngħatat id-deċiżjoni dwar l-oppożizzjoni, jekk it-trade mark inkwistjoni invokata fl-oppożizzjoni kinitx irreġistrata għal 8 snin jew le. Skont l-Artikolu 42(3) flimkien mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009, għandu jintwera biss l-użu tat-trade mark invokata fl-oppożizzjoni, jekk kienet ilha ħames snin irreġistrata fil-mument tal-publikazzjoni tal-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja.